

- Ir-rikorreni ssostni li billi adottat id-deċiżjoni kkontestata l-EMA marret lura mill-garanzji preċiżi u mingħajr kundizzjonijiet fir-rigward tal-bażi legali korretta għall-applikazzjoni tar-rikorreni għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-APRETUDE. Għalhekk ir-rikorreni targumenta li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u għandha tiġi annullata.

- (¹) Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69)
- (²) r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2022 – ClientEarth vs Il-Kunsill

(Kawża T-577/22)

(2022/C 472/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ClientEarth AISBL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Ziegler, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddatata l-5 ta' Lulju 2022 (SGS 22/00149) f'relazzjoni mat-talba għal eżami mill-ġdid intern taħt it-Titolu IV tar-Regolament Aarhus f'relazzjoni mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU 2022, L 21, p. 1), u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk inkorsi mir-rikorreni.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żbalji manifesti ta' liġi u ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-portata tal-aċċess għad-drittijiet ta' reviżjoni tar-rikorreni taħt ir-Regolament Aarhus, għaliex il-Kunsill:
 - irrifjuta li jirrevedi l-qabda totali permissibbli (iktar 'il quddiem "TAC") provviżorja li sussegwentement ġiet issostitwita f'TACs UE/UK finali, minkejja li r-rikorreni għad għandha interess fir-reviżjoni tagħhom; u
 - ikkonstata li l-motivi tar-rikorreni li l-Kunsill ma kellux kompetenza u uża l-poteri tiegħu b'mod ħażin meta adotta r-Regolament dwar it-TAC kienu inammissibbli għaliex kienu jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament Aarhus.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żbalji manifesti ta' liġi u ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-elementi essenzjali ta' liġi sekondarja u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Kunsill li jistabbilixxi TACs taħt l-Artikolu 43(3) TFUE, għaliex il-Kunsill wettaq:
 - żbalji manifesti ta' liġi fir-rigward tal-marġni ta' diskrezzjoni li huwa għandu li jistabbilixxi opportunitajiet ta' sajd; u
 - żbalji manifesti ta' liġi u ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-limiti tal-kompetenza tiegħu taħt l-Artikolu 43(3) TFUE.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-obbligi tal-Kunsill li:
- ma jeċċedix ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (iktar 'il quddiem "MSY") għall-2020 għall-istokkijiet kollha, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku dwar l-Politika Komuni tas-Sajd (iktar 'il quddiem il-"PKS");
 - jimplementa l-approċċ ta' prekawzjoni, kif meħtieġ mill-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 2(2), il-punt 8 tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 9(2) tar-Regolament bażiku dwar il-PKS, u strettament limitat mill-Għan MSY;
 - jimplementa approċċ ibbażat fuq l-ekosistema kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-użu ħażin ta' poter imwettaq mill-Kunsill meta adotta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jstabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU 2022, L 21, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2022 – Fédération environnement durable et. vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-583/22)

(2022/C 472/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fédération environnement durable (Pariġi, Franza), Bundesinitiative Vernunftkraft eV (Berlin, il-Ġermanja), Vent de Colère! – Fédération nationale (Peyraud, Franza), Vent de Raison – Wind met Redelijkheid (VdR-WmR) (Petit-Roeulx, il-Belġju) (rappreżentant: M. Le Berre, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħoha:

- tannulla d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Lulju 2022 (fisma.b.2(2022) 5340198, Ares (2022)4952619 – 07/07/2022) li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal eżami mill-ġdid intern tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra ⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Delegat");
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinwokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq allegazzjoni, fir-rigward tal-preparazzjoni tar-Regolament Delegat, ta' ksur tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 ⁽²⁾, Artikoli 9 u 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ⁽³⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 1367/2006"), u tal-Artikoli 10(4), 11(4) u 20(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 ⁽⁴⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 2020/852").
2. It-tieni motiv ibbażat fuq allegazzjoni, fir-rigward tal-għan ta' tnaqqis ta' tibdil fil-klima, ta' ksur tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Artikolu 191 TFUE u Artikolu 19(1)(f) tar-Regolament 2020/852 kif ukoll tal-Artikoli 10(3)(a), 19(1)(a) u (j) u 19(3) tar-Regolament 2020/852.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq allegazzjoni, fir-rigward tal-għan ta' adattament ta' tibdil fil-klima, ta' ksur tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament 1367/2006.